

F'egħluq snin Mons. Isqof Grech. Jidher il-Vigarju Ġenerali jagħmel kelmtejn tal-okkażjoni.

# Mons. Isqof Mario Grech jiċċelebra egħluq sninu

Nhar il-Ġimgħa 20 ta' Frar, Mons Isqof Mario Grech fakkar egħluq sninu, 52 sena ta' ħajja, flimkien ma' wħud mill-kollaboraturi tiegħu fil-Kurja Djoċesana, fir-Rabat, Għawdex.

F'kelmtejn qosra tal-okkażjoni, il-Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi, l-Arċidjaknu, Mons. Giovanni Bosco Gauci, feraħ lill-Mons. Isqof u f'isem sħabu wiegħed lealtà lejh; f'ubbidjenza filjali jaqsmu miegħu l-ħidma pastorali għas-salvazzjoni tal-erwieħ; u minn qalbhom jitolbu għalih biex ikompli jaqdi s-sejħa li għamillu Alla permezz tal-Knisja tiegħu bħala Isqof tad-Djoċesi.

Wara Mons. Isqof flimkien mal-Vigarju Ġenerali, l-Arċidjaknu Mons Giovanni B Gauci, li kien ser jagħlaq 71 sena, l-għada s-Sibt 21 ta' Frar, qasmu kejk tal-okkażjoni.

Mons. Isqof Grech hu bin George minn Kerċem u Marija Stella mill-Qala. Hu l-akbar minn fost erba' aħwa. Fit-22 ta' Jannar, għalaq tliet snin bħala Isqof.

Il-Vigarju Ġenerali, l-Arċidjaknu Mons. Gauci ilu jqaddes 48 sena, bl-ordinazzjoni saċerdotali issir minn Mons. Isqof Gużeppi Pace, nhar it-18 ta' Marzu, 1961.



Waqt il-qsim tal-kejk. Jidhru Mons. Isqof Mario Grech (xellug) u l-Vigarju Ġenerali, l-Arċidjaknu Mons. Giovanni B. Gauci.

# Restawr tal-kampnar tas-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja

Ftit tal-ġimgħat ilu, il-Kampnar tas-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja fir-Rabat Għawdex inħatt kollu biex jinbidlulu dawk il-kantuni li kienu ttieklu biż-żmien u oħrajn li kienu xpakkaw minħabba l-effett ta' ħafna snin li għaddew minn fuqhom esposti l-ħin kollu għal kull xorta ta' temp. Din l-istruttura kienet waslet fi stat li setgħet taqa' minn ħin għall-ieħor u għalhekk kienet qed toħloq periklu kontinwu għal dawk kollha li jiffrekwentaw dan il-post qaddis.

Mark Vella qed jaħdem l-aħħar dekorazzjonijiet fuq kantuni li sa jieħdu post kantuni mikulin jew xpakkati. Dawk il-kantuni qodma li kienu għadhom fi stat tajjeb sa jerġgħu jitpoġġew f'posthom meta jerġa' jinbena il-kampnar. Kien is-Sur Vella li ħatt il-kampnar u sa jkun hu stess li jibnih mill-ġdid. L-ispiża hi mistennja li tkun kbira mhux ħazin u għalhekk, il-Patrijiet tal-Kapuċċini japprezzaw kull donazzjoni li wieħed jista' jagħmel. Dawk li jixtiequ li jikkontribwixxu għal dan il-għan jistgħu jagħmlu dan billi jiddepożitaw id-donazzjoni tagħhom fil-Kont **HSBC BANK ACCOUNT A/C KAMPNAR 071-087621050.**



Mark Vella fuq xogħol konness mal-kampnar tas-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja.

**AĦBARIJIET MINN GĦAWDEX ma' Charles Spiteri**





Waqt is-Serata ta' Jum il-Ħajja. Jidhru mix-xellug, il-Ministru Giovanna Debono, Kate Gonzi, mart il-Prim Ministru, Mons. Arċipriet Carmelo Refalo, il-Membru Parlamentari Justyne Caruana u Marija Attard, id-direttriċi ta' Dar Ġużeppa Debono.

# Attività ta' Jum il-Ħajja

'Il-Qawwa tal-Ħajja fis-Sofferenza' hija t-tema magħżula minn pajjiżi Ewropej għall-okkażjoni ta' Jum il-Ħajja 2009. Dan kien is-suġġett ittrattat waqt serata mtella' f'Għawdex, fir-ristorant Ta' Frenċ, f'Marsalforn.

*Pro-Life Day* jiġi ċċelebrat f'numru ta' pajjiżi fl-Ewropa nhar l-ewwel Ħadd ta' Frar ta' kull sena, bil-għan li jippromwovi l-valur tal-ħajja. Din hija l-ewwel sena li Għawdex, permezz ta' Dar Ġużeppa Debono, ingħaqad ma' dawn il-pajjiżi biex anke din il-Gżira tiċċelebra dan l-avveniment billi titqajjem kuxjenza u jiżdied l-għarfien dwar il-valur tal-ħajja. Tħejja programm għall-okkażjoni fejn erba' kelliema ewlenin indirizzaw lil dawk preżenti u tkellmu dwar it-tema tas-sofferenza u l-ħajja f'kuntesti differenti. Dawn il-kelliema kienu jinkludu lis-Sinjura Kate Gonzi, lill-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, il-Membru Parlamentari tal-Partit Laburista Justyne Caruana u lil Mons. Carmelo Refalo, Arċipriet tax-Xagħra. Kien hemm preżenti wkoll Ms Maria Attard, Direttriċi ta' Dar Ġiużeppa Debono.

Il-programm għal din l-ewwel ċelebrazzjoni ta' Jum il-Ħajja f'Għawdex, kien jinkludi siltiet mużikali li ndaqqu minn mużiċisti lokali ewlenin. Sar ukoll irkant ta' pittura mill-artist Għawdxi Christopher Saliba flimkien ma' skultura ta' artist Għawdxi ieħor, Victor Agius.

Dar Ġużeppa Debono, f'Għajnsielem, kienet infetħet minn Mons. Isqof Nikol Cauchi nhar it-8 ta' Diċembru 1985. L-għan tat-twaqqif ta' din id-dar kien li tkun ta' għajnuna u toffri kenn lill-ommijiet mhux miżżewġa fiż-żmien tat-tqala sakemm ikollhom it-tarbija. Matul iż-żmien il-ħidma minn din id-dar żviluppat f'organizzazjoni li toffri diversi servizzi b'mod speċjali fil-qasam soċjali u dak edukattiv. Il-ħidma prinċipali tiffoka dwar it-tixrid ta' tagħrif u ż-żieda fl-għarfien dwar il-valur u l-kultura tal-ħajja permezz ta' *counselling,* seminars u attivitajiet oħra.


**St George Association**

ser jiċċellebraw

***Il-Festa ta' San Ġorġ***

***li ser issir***

**Nhar il-Ħadd 8 ta' Marzu 2009**

**f'St Mary Immaculate Church,**

*Mimmosa Road, Bossley Park*

**Il-quddiesa tibda fl-4pm**

*Ikun hemm Tè u Kafe b'xejn*

***Ser ikun hemm il-Figolli għall-bejgħ ta' Traditional Delight***

*Għal aktar informazzjoni ċemplu lil*

**Charlie Zammit** *fuq* **(02) 9628 5010**